**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 18

**Appell Nru. 52/2018**

**Karl Micallef**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Karl Micallef tat-18 ta' Lulju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Gunju 2018 li biha ikkonfermat il-hrug tal-Avviz tat-12 ta' Dicembru 2016 dwar multa ghal kull gurnata ghar-rigward tat-tkomplija tal-izvilupp li sar fuq is-sit bi ksur tal-Avviz sabiex tieqaf u ta' twettiq 429/16;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan huwa appell minn 'Avviz Dwar Multi ghal Kull Gurnata Skont l-Avviz Legali 276 ta' l-2012 (Regolamenti ta' l-2012 dwar Mutli ghal Kull Gurnata)' fil-konfront tal-appellant.

Illi dan l-avviz dwar multi huwa konsegwenza ta' ksur tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru EC/429/16, li kien hareg filkonfront inter alia tal-appellant.

It-Tribunal jinnota li l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru EC/429/16 jitratta f' "Ghandek zvilupp li jikkonsisti minn struttura fuq il-livell tal-bejt minghajr permess u dank if muri fl-applikazzjoni tracking 175359, liema applikazzjoni ghadha qed tigi processata''

Illi l-Avviz li minnu qieghed jigi intavolat dan l-appell, jaghmel referenza ghall-fatt li 'l-izvilupp illegali rega' beda / tkompla billi: ghandek zvilupp minghajr permess billi tkompla x-xoghol ta' 'finishes' fil-livel tal-bejt.
'
Illi l-appellant qed isostni li zvilupp imsemmi fl-avviz ta' infurazar kien necessarju minhabba periklu minn strutturi ezistenti fil-livell tal-bejt li kienu fi stat perikolanti ghall-istabbilita' u l-integrita tal-bini in ezami. Illi meta nhareg l-Avviz ECF 429/16, l-bini kien thalla miftuh u ghaldaqstant kellhom isiru dawk l-interventi ghall-inkoluminta tal-binja. L-appellanti qed isostnu li dawn ixxogholijiet kienu bzonjuzi u ghaldaqstant mhux gust u ragjonevoli li jigu mposti multi talli saru l-istess xogholijiet.

Illi l-appellanti qed jesigu ukoll illi l-Avviz ECF 429/16 gie ukoll appellat u jekk tali appell jigi milqugh isegwi illi lanqas jista' jinghad illi kien hemm ksur tieghu u wisq anqas ghadhom jigu mposti multi msejsa fuq Avviz illi m'ghandux effett, u ghalhekk gie sottomess illi sakemm jigi deciz l-appell 20.17E, m'ghandhomx japplikaw multi.

Illi l-appell numru 2017/17E mill-Avviz ECF 429/16 qed jigi konfermat illum skont decizjoni ta' dan it-Tribunal moqrija illum ukoll flimkien ma din id-decizjoni, u dan tenut illi fil-mori tal-appell giet prezentata applikazzjoni sanatorja u ghalhemm l-Avviz gie konfermat a bazi tal-Artikolu 36(2) tal-Kap 551.

Illi l-Avviz in mertu huwa proprju konsegwenza tal-ksur tal-Avviz sabiex Tieqaf u Twettiq numru ECF 429/16.

Illi f'kaz ta' ksur tal-Avviz biex Tieqaf u Twettiq, l-Awtorita` tinforma lill-persuni milquta' bl-avviz dwar penali addizzjonali gharrigward l-izvilupp gdid allegatament li sar minghajr permess skont ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012, kif ukoll dwar penali addizzjonali ghar-rigward l-izvilupp gdid allegatament li sar minghajr permess skont l-iSkeda ta' Multa ghal Kull Gurnata fl-Avviz Legali 276 tal-2012 li tipprovdi dan li gej: "Illegalitajiet bi ksur ta' Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettieq eżistenti, jiġu meqjusa individwalment."

Illi ghalhekk f'kaz ta' imposizzjoni ta' multi addizzjonali, dan it-Tribunal jinnota li l-kliem tal-regolamenti fil-ligi sussidjara dwar ilmulti ghal kull gurnata sucitat huwa car,

b'dan illi l-illegalitajiet bi ksur ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ezistenti ghandhom jigu meqjusa individwalment. F'dan il-kaz l-Awtorita` kienet korretta li tindika fl-avviz in mertu dawk l-illegalitajiet allegatament li saru bi ksur tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq u konsegwentament huma suggett ghall-multa addizzjonali.

Illi l-kwisjotni in mertu tirrigwardja zvilupp addizzjonali li l-Awtorita' nnotat li baqa' ghaddej wara l-hrug tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq li l-appellant qieghed jinsisti li dan kien necessarju sabiex jinghalaq il-binja li kienet miftuha meta nhareg l-Avviz ta' Infurzar.

Fih nnifsu r-rikors tal-appell huwa ammessjoni li x-xoghol fuq is-sit baqa' ghaddej wara li nhareg l-Avviz ta' Infurzar ECF 429/16. Dan tal-ahhar jesigi illi jieqaf immedjatament l-izvilupp u kull zvilupp eihor fuq is-sit inkwsitjoni, "jekk ghadu jsir, ma jinbeda lebda zvilupp iehor fuq is-sit…"

Illi fil-kaz odjern, l-Awtorita' provdiet provi fejn jindikaw l-stat tal-istruttura fil-livell tal-bejt meta nhareg l-Avviz ta' Infurzar – li kienet ghada fi stat ta' shell-form, u kif dan l-istess l-istess bini gie maghluq u 'finished' u komplut b'office furniture u mhux sempliciment inghalaq kif qed jigi sostunut fir-rikors tal-appell. Dan certament jirrizulta fi ksur car tal-Avviz ECF 429/16 imsemmi supra.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jichad l-appell u jikkonferma l-hrug tal-Avviz tal-tat-12 ta' Dicembru 2016 dwar multa ghal kull gurnata ghar-rigward it-tkomplija tal-izvilupp li sar fuq is-sit bi ksur tal-Avviz sabiex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 429/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal naqas li jqis l-aggravju tal-appellant li x-xoghlijiet kienu necessarji minhabba l-istat perikolanti tal-bini u s-sigurta tan-nies fi triq principali fil-Belt, Valletta u minflok qies biss li l-appellant qed jipprova jissanzjona l-izvilupp imsemmi fl-avviz;

2. Billi x-xoghlijiet milquta bl-avviz tal-enforzar 429/16 huma soggetti ghal talba ta' sanzjonar liema talba saret qabel l-avviz tal-enforzar, ebda avviz ta' multa ma messha inharget qabel t-talba sanatorja tigi deciza u t-Tribunal zbalja meta ma issospendiex il-multa sakemm tigi deciza l-applikazzjoni sanatorja.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju ma fihx mis-sewwa. It-Tribunal tratta l-kwistjoni tal-allegata 'necessita' li l-appellant jissottometti xpruna x-xoghlijiet li waslu ghal hrug tal-avviz tal-enforzar 429/16. Pero t-Tribunal qies li l-avviz mertu ta' dan l-appell kien jirrigwarda xoghlijiet ta' 'finishing' fuq zvilupp soggett ghal avviz 429/16 u kwindi dan kien jiggustifika l-hrug ta' avviz ta' impozizzjoni tal-multa ghall-illegalita soggetta ghall-avviz 429/16 li

kien dwar struttura mibnija fuq il-bejt bla permess kif muri f'applikazzjoni li kienet ghadha qed tigi processata. Dawn kienu l-parametri tal-avviz odjern, u t-Tribunal gustament applika l-ligi kif inhi. Ma dan il-Qorti izzid illi l-appellant naqas li jikkontradici l-Awtorita illi kieku kien hemm xi struttura perikolanti hemm process li messu ittiehed mill-appellant u mhux li wiehed jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh.

Ghalhekk l-aggravju mhux gustifikat.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju wkoll ma fihx mertu. L-applikazzjoni ta-sanzjonar ma tbiddel xejn mill-fatt illi jekk hemm illegalita kolpita b'avviz ta' enforzar liema avviz gie konfermat b'mod definittiv mit-Tribunal, ma setghax jitkompla ebda xoghol ghax f'dak il-kaz jiskatta r-regolament 3 u 4(2) tal Avviz Legali 276/2012 dwar penali addizjonali ghal zvilupp gdid allegatament bla permess. Is-sanzjonar ma jissospendix dak li sar abusivament kontra ordni ta' twaqqif. Semmai s-sanzjonar jekk jigi approvat ixejjen il-possibilta tat-tnehhija tal-izvilupp izda ma jbiddilx mill-fatt anterjuri ta' xoghol bla permess u kif sehh f'dan il-kaz, tkomplija tal-istess nonostante l-ordni u ghaldaqstant kif irid l-istess regolament, il-multa tibqa' dovuta.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Karl Micallef u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Gunju 2018, bl-ispejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur